TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1764

KAZ 2391

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Borg

u

Lufthansa Technik Malta Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 12 ta' Marzu 2007.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b' Nota prezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fid-9 ta' Awissu 2006.

It-Tribunal zamm seba' seduti.

Simon Borg, aktar il-quudiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Edward Saliba u Lufthansa Technik Malta Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Anthony DeGiovanni u Robert Gill assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz il-Kumpanija qalet li fi Frar 2006 kienet avzat lill-appellant li l-progress tieghu ma kienx sodisfacenti u li kien deciz li l-impieg tieghu ma jigix konfermat. Biex il-Kunpanija tipprova s-salva l-investiment li ghamlet fl-istharrig ta' l-appellant u wkoll ittih l-opportunita li jtejjeb ix-xoghol tieghu nformatu li kienet lesta t'offrilu estensjoni permezz ta' kuntratt ghal zmien definit ta' sitt xhur. Il-Kumpanija s-sostni li l-appellant kien accetta din l-offerta.

L-iskop tal-Kumpanija kien li, minflok titterminalu l-impieg qabel gheluq tal-*probationary period*, kif kellha d-dritt li taghmel, ittih l-opportunita li jtejjeb ix-xoghol tieghu biz-zejjed li mbaghad tkun tista' tikkonferma l-impieg tieghu fuq kuntratt indefinit.

L-appellant ikkontenda li ma accettax li jiffirma kuntratt ghal zmien definit kif propost mill-Kumpanija ghaliex hu kien iffirma kuntratt ghal zmien indefinit u l-impieg tieghu kien regolat b'tali kuntratt. Qal ukoll li l-ewwel darba li semmewlu l-kwistjoni ta' kuntratt definit kien fis-6 ta' Marzu 2006, gurnata biss qabel ma kien jiskadi l-*probationary period.*

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

- qabel l-gheluq tal-*probationary period* l-appellant kien infurmat minn Robert Gill li ma kienx se jigi kkonfermat l-impieg tieghu izda l-Kumpanija kienet lesta t'offrilu estensjoni, permezz ta' kuntratt definit, ghal sitt xhur, bil-hsieb li eventwalment jaghmel progress biz-zejjed biex izommuh fl-impieg. Skond Robert Gill l-appellant accetta.
- Robert Gill jghid li dan sar fis-17 ta' Frar 2006 izda l-appellant isostni li l-ewwel darba li semmewlu l-kuntratt definit kien fis-6 ta' Marzu 2006 u li Robert Gill kien talbu l-kuntratt iffirmat fis-16 ta' Marzu 2006 u talbu jgibu l-ghada 17 ta' Marzu.
- ix-xhieda ta' Robert Gill u n-nota li pprezenta (Dok. RG1) jindikaw li l-avviz li mhux se jigi kkonfermat l-impieg u l-offerta ta' estensjoni ta' sitt xhur b'kuntratt definit saru fis-17 ta' Frar 2006 u mhux f'Marzu kif jghid l-appellant.
- il-kontenzjoni ta' l-appellant li dan id-diskors bejnu u Robert Gill sar fis-16 ta' Marzu mhix tenibli ghaliex il-Kumpanija gabet prova li l-appellant ma attendiex ghax-xoghol la fis-16 u anqas fis-17 ta' Marzu 2006.
- l-appellant isostni li l-avviz li mhux se jigi konfermat l-impieg u l-offerta ta' estensjoni b'kuntratt definit saru fis-6 ta' Marzu 2006, jigifieri qabel l-gheluq tal-*pobationary period,* ghalkemm gurnata biss qabel.

Wara li kkonsidra x-xhieda, d-dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet it-Tribunal wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

1. Il-Kumpanija ma kienetx sodisfatta bix-xoghol ta' l-appellant u ma riedetx tikkonfermah fl-impieg. Izda offrietlu, li minflok titterminalu l-impieg, ittih estensjoni ta' sitt xhur b'kuntratt definit.
2. L-appellant originarjament accetta l-offerta izda eventwalment naqas li jiffirma l-kuntratt li offrietlu l-Kumpanija.
3. Il-Kumpanija avzat lill-appellant li ma kienetx lesta zzommu fl-impieg jekk ma jiffirmax il-kuntratt ta' estensjoni ghal zmien definit.
4. Ma hemmx dubju li l-appellant gie nfurmat bil-pozizzjoni tal-Kumpanija qabel l-gheluq tal *probationary period,* anke jekk wiehed jaccetta t-tezi ta' l-appellant li dan sar gurnata biss qabel izda li ma giex pruvat.

5. Billi gie accettat miz-zewg partijiet li l-Kumpanija kienet avzat l-appellant ta' l-anqas gurnata qabel l-gheluq tal-*probationary period* li ma kienetx se tikkonfermah fl-impieg, hu evidenti li, kieku riedet, setghet titterminalu l-impieg minghajr l-obbligu li tati raguni. Il-fatt li offrietlu estensjoni juri li riedet ittih opportunita addizzjonali biex itejjeb ix-xoghol tieghu bil-hsieb li eventwalment tkun tista' zzommu fl-impieg u b'hekk issalva l-investiment li tkun ghamlet fl-istharrig tieghu.

Wara li qies c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha d-dritt li tittermina l-impieg ta' l-appellant qabel l-gheluq tal-*probationary period*. Hi offriet estensjoni lill-appellant li originarjament accetta izda eventwalment ma onorax. Kien l-appellant li ghazel li ma jaccettax l-offerta billi baqa' jirrifjuta jiffirma l-kuntratt relattiv. Ghalhekk kien hu li ttermina l-impieg ghaliex il-Kumpanija qatt ma keccietu izda biss infurmatu taht liema kondizzjoni kienet lesta zzommu fl-impieg.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali Nimru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja.